MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 290/2012

**HOMEMATE Co. Limited [C-22807]**

**vs**

**Benat Tradings International Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fl-10 ta' April, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand is-socjeta intimata, tas-somma ta' elf seba' mija wiehed u disghin euro u zewg centezmi ta' euro [€1,791.02] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-socjeta attrici titlob lit-tribunal sabiex jikkundanna l-konvenuta thallas l-ammont ta' €1,791.02 lill-istess attrici rapprezentanti xoghol gja mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuta u dan hekk kif se tipprova l-attrici f'dina l-kawza.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 2544/11 kontra l-konvenuta, inkluz l-imghax mid-data minn meta l-ammont kien dovut sad-data tal-hlas effettiv".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta intimata giet debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar id-9 ta' Lulju, 2012, nhar is-17 ta' Settembru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjetarikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar is-17 ta' Settembru, 2012 u l-fatt li s-socjeta intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf seba' mija wiehed u disghin euro u zewg centezmi ta' euro [€1,791.02], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------